MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 1067/2007

Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D.,
detentur tal-karta ta’ l-identita` numru 258269 itrra “M”,
bhala mandatarju specjali tas-socjeta’ estera Guccio
Gucci S.p.A., ta’ Via Tornabuoni 73/r, Firenze, l-Italja
vs
Ismail Elazhar Benhamed, detenur tal-passaport Libjan
bin-numru 935857/2005

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta’ l-Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B. (Hons), LL.D. bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Guccio Gucci S.p.A. li bih eccepixxa:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti Guccio Gucci S.p.A., maghrufa sew madwar id-dinja inkluz f’Malta, *inter alia* in konnessjoni ma’ zraben fosthom zraben sportivi, hija propjetarja ta’ diversi *trademarks* li jkopru dan in-negozju taghha u in konnessjoni mal-istess negozju;

2. Illi b’hila u b’invenzjoni, kif ukoll b’hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta` rikorrenti kisbet reputazzjoni u avvjament enormi kemm fuq is-suq barrani u kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni man-negozju taghha u mat-*trademarks* taghha relattivi ghall-istess;

3. Illi fost ohrajn, is-socjeta` rikorrenti ghandha validament irregistrati f’isimha t-*Trademarks* Komunitarji (CTM) “GUCCI” (kelma, numru ta’ registrazzjoni 000121988), “Gucci” (tikketta, numru ta’ registrazzjoni 000121947), “GUCCI” (tikketta, numru ta’ registrazzjoni 004107546), disinn ta’ zewg strixxi blu skur separati minn strixxa hamra (tikketta, numru ta’ registrazzjoni 003836491), u l-ittra “G” u “G bil-maqlub” ma’ gemb xulxin u rapprezentanti diversi drabi f’disinn partikolari (tikketta, numru ta’ registrazzjoni 0002751535), ilkoll b’effett f’Malta mill-1 ta’ Mejju ta’ l-2004, u dan f’kull kaz *inter alia* dwar prodotti f’kategorija li fihom jaqghu prodotti konsistenti fi zraben sportivi;

4. Illi oltre dan, sa minn diversi snin ilu s-socjeta` rikorrenti ghandha registrati f’isimha f’Malta it-*trademarks* bin-numri ta’ registrazzjoni 17197 – l-ittra “G” u “G bil-maqlub” ma’ gemb xuxlin u rapprezentanti f’disinn partikolari (tikketta), u 34922 – “GUCCI” (kelma), u dan dwar prodotti f’kategorija li tikkomprendi zraben sportivi;

5. Illi s-socjeta` rikorrenti hija “*detenitrici ta’ dritt*” u tinsab registrata mall-Kontrollur tad-Dwana ghall-iskopijiet tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi fosthom tal-Att Dwar Drittijiet Dwar Proprjeta` Intelletwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitolu 414 ta’ l-Edizzjoni Riveduta tal-Ligijiet ta’ Malta) u tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003 concerning customs action against goods suspected of infringing certain intellectual property rights and the measures to be taken against goods found to have infringed such rights*, b’hekk *inter alia* tgawdi mill-protezzjoni moghtija fl-artikoli 2(1)(a)(i), 3, 4 u 8(1) ta’ l-istess Kap. 414, u fid-disposizzjonijiet rilevanti ta’ l-Artikoli

1, 2 (1)(a)(i), 10, 16 u 17 ta' l-istess *Council Regulation (EC) No 1383/2003* fost ohrajn;

6. Illi recentement, waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artikoli 4 ta' l-istess Kap. 414 u fl-Artikolu 1(1) tal-*Council Regulation (EC) No 1383/2003* qabel imsemmija, il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx ta' tnejn u sittin (62) pari zraben sportivi li lkoll jikkontjenu sinjali u cioe` il-kelma "Gucci"/ "GUCCI" rapprezentata b'manjera figurattiva, disinn ta' zewg strixxi blu skur separati minn strixxa hamra, u l-ittra "G" u "G bil-maqlub" ma' gemb xulxin u rapprezentati diversi drabi f'disinni partikolari, flimkien ma' materjal ta' ippakkettjar relattiv, liema artikoli waslu fid-Dwana ghar-rilaxx eventwali favur l-intimat Ismail Elazhar Benhamed wara li huwa gabhom mieghu fuq titjira minn Tripli (Libja) fl-14 ta' Settembru 2007, u l-istess Kontrollur tad-Dwana informa lis-socjeta` rikorrenti dwar din is-sejba f'cirkustanzi suspetti, sabiex isiru l-verifiki opportuni dwar kontravvenzjonijiet ta' drittijiet dwar proprjeta` intelletwali;

7. Illi s-socjeta` rikorrenti giet mgharrfa bis-sejba fis-17 ta' Settembru 2007 u, wara li ezaminat ritratti elettronici ta' kampjuni ta' dawn l-oggetti, ikkonfermat lill-istess Kontrollur tad-Dwana li fil-fatt dawn huma oggetti kontraffatti li jikkontravvjenu d-drittijiet taghha dwar proprjeta` intellettwali;

8. Illi effettivament allura, l-oggetti lkoll mertu ta' din il-vertenza, li l-Kontrollur tad-Dwana indika lis-socjeta` rikorrenti bhala b'kollox tnejn u sittin (62) pari zraben oltre ghall-materjal ta' ippakkettjar relattiv, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intelletwali tas-socjeta' rikorrenti. Ghal dan il-kaz japplikaw ukoll *inter alia* u oltre d-disposizzjonijiet ta' ligi indikati fil-paragrafu numru 5 ta' dan ir-rikors guramentat, id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Artiklu 9 1. (a) u (b) tal-*Council Regulation (EC) No 40/94 on the Community trade mark*, kif ukoll id-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-artikoli 10(1) u (2)(b), 14 sa 19 ta' l-Att ta' l-2000 Dwar it-*Trademarks* (Kap. 416) u tar-regolament numru 9 ta' l-avviz legali 233 ta' l-2003;

9. Illi wara li s-socjeta` rikorrenti nghatat id-dettalji ta’ l-intimat mill-Kontrollur tad-Dwana, gie lill-istess socjeta` rikorrenti prefiss terminu sas-16 ta’ Ottubru 2007 mill-imsemmi Kontrollur tad-Dwana sabiex tinghatalu l-prova li nbdew l-opportuni procedimenti gudizzjarji civili fil-konfront ta’ l-intimat li jwasslu ghal decizjoni sostantiva dwar il-merti tal-kaz;

10. Illi r-rikorrenti *nomine* jaf personalment bil-fatti kollha dikjarati;

11. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ir-rikorrent *nomine* talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-artikoli konsistenti f’tnejn u sittin (62) pari zraben sportivi lkoll jikkontjenu sinjali u cjioe` l-kelma “Gucci”/“GUCCI” rapprezentata b’manjera figurattiva, disinn ta’ zewg strixxi blu skur separati minn strixxa hamra, u l-ittra “G” u “G bil-maqlub” ma’ gemb xulxin u rapprezentati diversi drabi f’disinn partikolari, flimkien ma’ materjal ta’ ippakkettjar relattiv, liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx taghhom favur l-intimat, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti ’l hinn mill-kanali tal-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta` rikorrenti jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez ta’ l-intimat;

3. Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha effett li effettivament iccahhad lill-intimat mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

4. Tordna li l-intimat ghandu jbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta’ l-imsemmija oggetti ghall-hazna qabel id-distruzzjoni

eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali disutruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li gie ngunt ghas-subizjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrent *nomine.*

**B. PROVI:**

Rat li l-intimat debitament notifikat skond il-ligi ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk baqa' kontumaci. L-intimat anqas deher fil-kawza u anqas deher hadd ghalih.

Rat l-affidavit ta' George Agius fejn issemma li fis-17 ta' Settembru 2007 gie infurmat li l-fizzjali tad-Dwana stazzjonati gewwa l-mitjar internazzjonali ta' Malta l-Gudja kienu zammew mir-rilaxx 62 (tnejn u sittin) par zabun sportivi li kienu jgibu l-markju ta' "GUCCI". Dawn iz-zraben sportivi bil-markji "GUCCI" kienu gew dikjarati mill-intimat, li kien passiggier Libjan bil-passaport numru 935857/2005 (Libjan) li dan kien wasal Malta mat-titjira LN 146 minn Tripoli fl-14 ta' Settembru 2007. Mitlub mill-fizjali tad-Dwana l-indirizz fejn kien ser joqghod sakemm idum Malta, l-intimat taghhom l-indirizz ta' Valentina Hotel, Paceville. Dawn iz-zraben sportivi bil-markji ta' "GUCCI" kienu mizmuma mid-Dwana u registrati bhala B/B 240/07 gewwa l-mitjar internazzjonali ta' Malta u l-passigier imsemmi nghata ricevuta rigward iz-zamm mir-rilaxx ta' dawn it-62 par zarbun. Minn ezami primarju ta' dawn iz-zraben ix-xhud kellu suspett li dawn kienu kontrafatti, u billi ghal markju "GUCCI" kellhom l-applikazzjoni ghall-azzjoni skond l-Att VIII tas-sena 2000, Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll applikazzjoni ghall-azzjoni tal-Komunita` Ewropeja skond ir-Regolament EC 1383/2003, ittiehdet id-decizjoni li dawn iz-zraben sportivi bil-markji "GUCCI" jinzammu ghal aktar investigazzjonijiet u gew elevati xi kampjuni. Il-kampjuni gew mghoddija lil Dr. Luigi A. Sansone LL.D ta' Salamone, Sansone & Co., bhala rapprezentanti legali tal-markji "GUCCI". Minn ezamijiet li kienu saru fuq dawn il-kampjuni irrizulta li dawn iz-zraben

kienu kontrafatti. Fit-12 ta' Ottubru 2007 gie nfurmat li Dr. Luigi A. Sansone LL.D kien ser ikompli bil-proceduri legali skond l-Att numru VIII tas-sena 2000 Kapitolu 414 tal-Ligijiet Maltin gewwa l-Qrati Maltin kontra l-imsemmi passiggier. Ikkonferma li l-imsemmija zraben sportivi bil-markju "GUCCI" ghadhom mizmuma mid-Dwana.

Rat ir-rapport ta' Monica Teruggi, ***Direzione Security Gucci Group*** esebit a fol 51 tal-process li minnu jirrizulta li "These are couterfeit articles that could, in any case mislead the final customer". Hemmhekk jinghataw ukoll ir-ragunijiet ghal din il-konkluzjoni.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq kontumacja ta' l-intimat it-talbiet rikorrenti jirrizultaw gustifikati u l-Qorti qed tilqaghhom filwaqt li iddikjara li l-artikoli konsistenti f'tnejn u sittin (62) pari zraben sportivi lkoll jikkontjenu sinjali u cjioe` l-kelma "Gucci"/"GUCCI" rapprezentata b'manjera figurattiva, disinn ta' zewg strixxi blu skur separati minn strixxa hamra, u l-ittra "G" u "G bil-maqlub" ma' gemb xulxin u rapprezentati diversi drabi f'disinn partikolari, flimkien ma' materjal ta' ippakkettjar relattiv, liema oggetti kollha jinsabu prezentement mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx taghhom favur l-intimat, jikkontravvjenu d-drittijiet dwar proprjeta` intelletwali tas-socjeta` rikorrenti;

Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi dawk l-oggetti minghajr ebda kumpens lil, u a spejjez ta' l-intimat;

Dwar it-tielet talba fejn intalab "Tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha effett li effettivament iccahhad lill-intimat mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni", fil-fatt ir-rikorrent ***nomine*** ma ghamel ebda talba specifika ghal dan ir-rigward u l-Qorti ma thoss opportun li timponi ebda rimedju iehor.

Tordna li l-intimat ghandu jbati l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u tat-tielet talbiet tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta' l-imsemmija oggetti

ghall-hazna qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-trasport mill-lok tal-hazna sal-lok tal-eventwali disutruzzjoni, u tad-distruzzjoni stess.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------